25 ta' Novembru 1957

Imħallfin: —

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Avukat Dr. Edgar Buhagiar ne. *versus* Nutar Dr. Salvatore Abela

**Qorti ta' Reviżjoni tal-Attijiet Notarili — Nutar — Piena — Art. 28 Kap. 92**

*Jekk nutar jiġi misjub ħati ta' diversi kontravvenzjonijiet kontra l-Liġi dwar il-Professjoni tan-Nutari u l-Arkivji Notarili, il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Attijiet tan-Nutari, li tkun sabet lin-nutar ħati ta' dawk id-diversi kontravvenzjonijiet, ma għandhiex tapplika kontra n-nutar piena waħda globali għal dawk il-kontravvenzjonijiet kollha, imma għandha tapplika almenu għal kull kontravvenzjoni l-minimu tal-piena komminata mill-liġi.*

Il-Qorti; Rat id-digriet tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Attijiet tan-Nutari tas-27 ta' Mejju 1957, fejn dik il-Qorti kkonstatat, fl-ewwel lok, ħamsa u erbgħejn (45) kontravvenzjoni għad-dispost tal-art. 28 (1) (a) tal-Att numru XI tal-1927 (Kap. 92), in kwantu f'sittax il-testment u f'disgħa u għoxrin atti "inter vivos" in-nutar fuq imsemmi naqas li jikteb "huwa nnifsu" l-ġurnata, ix-xahar u s-sena, u fil-każ tat-testmenti wkoll il-ħin, li fihom ġew firmati l-istess atti "inter vivos" u testmenti; l-atti nvoluti fil-kontravvenzjonijiet fuq imsemmijin huma kollha speċifikati bin-numri tagħhom u bil-paġina relattiva, fl-imsemmi digriet, li, kif ġa ntqal, kopja vera tiegħu tinsab unita (dok B) mar-

rikors; għal dawn il-45 kontravvenzjonijiet il-Qorti fuq imsemmija kkundannat lill-imsemmi nutar għall-ammenda ta' £2. 10. 0; illi fl-istess digriet il-Qorti fuq imsemmija kkonstatat kontravvenzjonijiet oħrajn li ma għandhomx x'jaqsmu mal-appell preżenti, ċjoè erbgħa kontravvenzjonijiet għad-dispost tal-art. 30 (2), kontravvenzjoni waħda għad-dispost tal-art. 50 (2), u sitt kontravvenzjonijiet għad-dispost tal-art. 53, dawn l-artikoli kollha tal-Kap. 92; dawn il-kontravvenzjonijiet huma wkoll dettaljati fid-dokument "B" anness, u għalihom in-nutar fuq imsemmi ġie kundannat rispettivament għall-pagament ta' ammenda ta' 10s., ta' 2s. 6d., ta' 2s. 6d., u għar-riprensjoni u ammonizzjoni; barra minn dan, ġie ordnat lill-istess nutar li jirrimedja għall-kontravvenzjonijiet għall-art. 50 (2) billi jagħmel il-korrezzjoni opportuna fi żmien għaxart ijiem, u għall-art. 53 billi jottempera għall-liġi fi żmien ħmistax il-ġurnata;

Rat ir-rikors tal-Attorney General, li appella mid-digriet fuq imsemmi tal-Qorti tar-Reviżjoni tal-Attijiet tan-Nutari tas-27 ta' Mejju 1957, u talab li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirriforma d-digriet fuq imsemmi dwar l-atti riċevuti minn Nutar Salvatore Abela matul it-tieni sitt xhur tas-sena 1956, fis-sens illi din l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-istess digriet f'kollox barra fejn in-Nutar fuq imsemmi ġie kundannat għall-ammenda ta' £2. 10. 0 għall-45 kontravvenzjonijiet tal-art. 28 (1) (a) tal-Kap. 92, u tirrevokaħ limitatament biss għal dana l-kap, billi, flok din l-ammenda, din l-Onorabbli Qorti tikkomina tant ammendi kemm huma l-kontravvenzjonijiet, ċjoè 45, kull waħda ta' mhux anqas minn 2s. 6d., skond il-liġi, u kif lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha aktar approprijat għall-każ skond iċ-ċirkustanzi. Bl-ispejjeż kontra l-imsemmi Nutar Salvatore Abela;

*Omissis:*

Ikkunsidrat;

Illi ma hemmx kwistjoni fuq il-konstatazzjoni tal-45 kontravvenzjoni magħmula mill-appellat. Iżda l-Qorti applikat piena waħda kumulattiva għal dawk il-kontravven-

zjonijiet kollha; u, kif osserva l-appellant, b'dak il-mod dik il-Qorti tat piena ta' 1s. 1½d. għal kull kontravvenzjoni, fil-waqt li, skond il-liġi, lanqas ammenda applikabbli hija dik ta' 2s. 6d. għal kull kontravvenzjoni. Is-subart. (2) tal-art. 15 tal-Kodiċi Kriminali kien ġie revokat bl-art. 3 tal-Att V tal-1956, u għalhekk ma kienx aktar applikabbli għall-kontravvenzjonijiet tal-appellat relattivi għall-attijiet li l-appellat ippublika u rċieva wara li fl-14 ta' April 1956 daħal in vigore l-Att V tal-1956. Huwa veru li, skond il-Kap. 37 tal-Liġijiet, art. 5, kull dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 12) tgħodd fil-każ ta' reat kontemplat fil-liġi speċjali, ħlief meta dik id-dispożizzjoni ma tkunx kompatibbli mad-dispożizzjonijiet ta' dik il-liġi. Huwa veru għalhekk li, trattandosi ta' konkors ta' reati, għandhom japplikaw ir-regoli relattivi. Iżda anki skond dawn ir-regoli, il-pieni ta' flus stabbiliti għal kull reat għandhom jingħataw dejjem kollha kemm huma, salvi xi eċċezzjonijiet li ma jidħlux f'dan il-każ. Għalhekk, il-Qorti "a qua" kellha almenu tapplika għal kull reat il-minimu tal-ammenda. Għaldaqstant il-Qorti tar-Reviżjoni applikat ħażin il-liġi dwar il-piena, u l-appell għandu jiġi milqugħ;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Il-Qorti tilqa' l-appell, u tirriforma d-digriet appellat fuq il-piena, billi fuq il-kap appellat tibdel il-piena għal dik ta' 2s. 6d. għal kull kontravvenzjoni, u għalhekk b'kollox għal £5. 12. 6; u bl-ispejjeż kontra l-appellat.